

Brussell, 14 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

11351/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0271(NLE)**

---

**MAR 120**  
**OMI 46**  
**ENV 592**  
**CLIMA 231**

### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	11270/20
Nru dok. Cion:	ST 11143/20
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/721 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt il-75 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, u waqt il-102 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali dwar l-approvazzjoni ta' ċirkulari MSC-MEPC.5 dwar il-Mudell ta' ftehim għall-awtorizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaġixxu f'isem l-Amministrazzjoni – Adozzjoni

---

### INTRODUZZJONI

1. Fit-28 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.

2. Il-proposta għandha l-għan li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/721<sup>1</sup> sabiex ma' dik id-deċiżjoni tiżdied pożizzjoni tal-Unjoni għall-approvazzjoni ta' ċirkulari MSC-MEPC.5 dwar il-Mudell ta' ftehim għall-awtorizzazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaġixxu fisem l-Amministrazzjoni. Iċ-ċirkulari hija mistennija li tiġi approvata b'mod konġunt mill-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fil-102 sessjoni tiegħu (MSC 102) mill-4 sal-11 ta' Novembru 2020 u mill-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar fil-75 sessjoni tiegħu (MEPC 75) mis-16 sal-20 ta' Novembru 2020.
3. L-approvazzjoni ta' ċirkulari MSC-MEPC.5 tkun kapaċi tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>.

#### **ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL**

4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-30 ta' Settembru u s-7 ta' Ottubru 2020. F'din l-aħħar laqgħa, il-grupp ta' ħidma qabel dwar it-test.
5. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.
6. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

---

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/721 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea waqt il-75 sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, u waqt il-102 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi għar-regolamenti 2, 14 u 18 u l-appendiċi I u VI tal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri, għall-Partijiet A-1, B, B-1, B-2 sa B-4 tal-Kapitolu II-1 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, għall-Partijiet A-1 u B-1 tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti Oħrajn b'Punt ta' Fjammabbiltà Baxx u għar-risoluzzjoni A.658(16) dwar l-użu u t-twaħħil ta' materjali retroriflettivi fuq apparat tas-salvataġġ (ĠU L 171, 2.6.2020, p. 1).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 47).

## KONKLUŻJONI

7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 11340/20, imħejji mill-ġuristi-lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
  8. Il-Parlament Ewropew ser jiġi informat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.
-